MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 820/2014

**John Tanti (1021544M), Maria Concetta *sive* Connie Tanti (5148M) u Dr. Sharon Zammit (23680M)**

**vs**

**Joseph Paul Vassallo (34302L) f'ismu proprju u ghan-nom u f'isem is-socjeta' Bayswater Contracting Company Limited (C-10495)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' John Tanti (1021544M), Maria Concetta sive Connie Tanti (5148M) u Dr. Sharon Zammit (23680M) datat 19 ta' Settembru 2014 fejn John Tanti bil-gurament tieghu jikkonferma li jaf personalment: -

Illi in forza ta' konvenju datat 2 ta' Novembru 2010, l-esponenti ppromettew illi jittrasferixxu u jbieghu favur is-socjeta' intimata, li min-naha taghha ppromettiet li takkwista u tixtri l-ufficcju, fis-*semi basement level*, formanti parti mill-blokk minghajr numru ufficjali jismu "Emerald Court", b'faccata fuq Triq Nikola Saura, kantuniera ma' Pjazza Vittmi tal-Gwerra, Sqaq numru wiehed (1), Siggiewi.

Illi skont l-istess konvenju, l-esponenti taw ic-cwievet lill-intimati b'mera tolleranza u minghajr ebda titolu fil-ligi, b'dana illi l-pussess vakanti jinghata mal-kuntratt finali.

Illi l-imsemmi konvenju skada fit-2 ta' Novembru 2011 u hadd mill-partijiet ma intavola l-proceduri kontemplati fil-ligi sabiex jinforza l-imsemmi konvenju u sabiex jinterpella lill-parti l-ohra tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att finali.

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi, inkluz b'ittri legali datati 24 ta' Frar 2012, 5 ta' Frar 2013 u 2 ta' Dicembru 2013, l-intimat baqa' inadempjenti u sallum, l-intimati ghadhom qed jokkupaw il-fond hawn fuq imsemmi minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh

taghha billi safejn taf l-esponenti, l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talbiet taghhom.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddeciedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2 Konsegwentement, tordna lill-intimati sabiex jizgombraw u jirrilaxxaw battal favur l-esponenti l-ufficcju, fis-*semi-basement level,* formanti parti mill-blokk minghajr numru ufficjali jismu "Emerald Court", b'faccata fuq Triq Nikola Saura, kantuniera ma' Pjazza Vittmi tal-Gwerra, Sqaq numru wiehed (1), Siggiewi u jirritorna c-cwievet kollha tal-imsemmi fond battal lill-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, ingunti minn issa ghas-subizzjoni u b' rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014.

Rat li minkejja li l-intimati gew notifikati bir-rikors fl-ewwel (1) ta’ Ottubru 2014 baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta, u dan kif jidher *a tergo* ta’ fol 14 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta’ Ottubru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Alessandro Lia ghall-atturi, prezenti l-attur John Tanti. Deher Dr Noel Bianco ghall-konvenut, li prezenta dokument mill-Ambaxxata Maltija fi Tripoli li Joe Vassallo bhalissa jinsab maqbud fil-Libja u m'ghandux mezz biex jigi. Dehret Agnes Vassallo mart l-intimat Joseph Vassallo u kkonfermat bil-gurament taghha li fid-data tan-notifika tal-atti tal-kawza, cioe' fl-1 ta' Ottubru 2014, l-intimat kien diga` msiefer il-Libja. Hi ddikjarat ukoll li meta rceviet dawn il-karti hi kkomunikat ma' zewgha li kienet irceviet xi karti. Dr Noel Bianco talab terminu sabiex ikun jista' jintavola risposta jew inkella tigi differita bla pregudizzju bl-istess procedura tal-giljottina. Il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet u wara li rat li ghadu m'ghaddiex it-terminu minimu ta' 15-il gurnata skont Art 169 (proviso) ordnat li l-kaz jibqa' jinstema' bi proceduri sommarji. Il-Qorti ddifferixxiet l-kawza sabiex jidher il-konvenut jew il-mandanti tieghu ghall-21 ta' Ottubru 2014 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta’ Ottubru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Alesandro Lia ghar-rikorrent u Joseph Paul Vassallo assistit minn Dr Noel Bianco. Dr Bianco ghall-intimat prezenti ammetta t-talbiet attrici bl-ispejjez. *In visto* tal-ammissjoni tal-attur il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Ottubru 2014 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, l-atturi qed jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut *proprio et nomine* mill-fond in mertu, kif deskritt fir-rikors promotur. It-talba taghhom hija sorretta b'esebizzjoni tal-konvenju (fol 4), li mhuwiex ikkontestat li skada.

Anzi deher Joseph Paul Vassallo quddiem din il-Qorti u ammetta t-talbiet attrici.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut *proprio et nomine* **taqta' u tiddeciedi**, billi **Tilqa' t-talbiet attrici fis-sens li:**

1 **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddeciedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2 **Tilqa'** t-tieni talba attrici u konsegwentement, tordna lill-intimati sabiex fiz-zmien perentorju ta' xahar millum, jizgombraw u jirrilaxxaw battal favur l-atturi l-ufficcju, fis-*semi-basement level,* formanti parti mill-blokk minghajr numru ufficjali jismu "Emerald Court", b'faccata fuq Triq Nikola Saura, kantuniera ma' Pjazza Vittmi tal-Gwerra, Sqaq numru wiehed (1), Siggiewi u jirritorna c-cwievet kollha tal-imsemmi fond battal lill-esponenti.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------